



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8000/20

ECOFIN 305
UEM 115
SOC 284
EMPL 212

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7727/20	
Suġġett:	Rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew 2020, inkluż analiżi fil-fond u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Mejju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew 2020, inkluż analiżi fil-fond u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019, kif adottati bi proċedura bil-miktub fid-19 ta' Mejju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew 2020, inkluż analiżi fil-fond u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JIRRIKONOXXI li biex jiġu indirizzati konsegwenzi soċjoekonomiċi severi bla preċedent tal-pandemija COVID-19, huwa kruċjali li jkun hemm rispons ikkoordinat u komprensiv għall-pandemija sabiex titwitta t-triqgħall-irkupru madwar l-Unjoni. JENFASIZZA l-ħtieġa li jsir użu sħiħ mill-flessibbiltà tal-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE, kif imsaħħa fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali preċedenti.
2. JAPPELLA għal azzjoni politika kkoordinata rapida u mmirata biex tingħeleb malajr il-kriżi ekonomika u tinbena bażi għal tkabbir sostenibbli u inklużiv. JISSOTTOLINJA li flimkien ma' miżuri immedjati biex jiġi minimizzat it-telf ta' haġġiet u jitnaqqsu d-danni ekonomiċi, jibqa' kruċjali li jiġu indirizzati sfidi u vulnerabbiltajiet strutturali sabiex jiġi sostnut l-irkupru mill-kriżi. Għal dan il-għan, l-isforzi ta' riforma u investiment ta' kwalità għolja huma kruċjali, b'mod partikolari biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u tiġi ffaċilitata t-transizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, diġitalizzata u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika fl-UE, kif ukoll għall-identifikazzjoni ta' sfidi emerġenti ġodda.

3. F'dan il-kuntest, JILQA' l-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni tar-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew 2020 li janalizzaw il-politiki ekonomiċi u l-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u jinkludi analiżi fil-fond fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni ta' akkumpanjament li fiha l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni u s-severità tal-iżbilanċi makroekonomiċi. IFAKKAR li l-pakkett tal-Kummissjoni ġie adottat qabel il-kriżi tal-COVID-19.
4. IFAKKAR li l-valutazzjoni pluriennali mill-Kummissjoni turi li għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma relatati ma' kwistjonijiet strutturali fit-tul li jieħdu ż-żmien biex jiġu indirizzati u li riżultati tanġibbli jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw. Madankollu, JINNOTA li r-rata ġenerali ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 baqgħet baxxa, minkejja ambjent ekonomiku pjuttost favorevoli matul l-aħħar snin. L-implimentazzjoni tar-riformi kompliet tvarja bejn l-oqsma ta' politika u l-pajjiżi u kienet b'saħħitha fis-servizzi finanzjarji u fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Il-progress fl-indirizzar tal-kompetizzjoni fis-servizzi u fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi baqa' kajman.

PROĊEDURA TA' ŻBILANĊ MAKROECONOMIKU: ANALIŻI FIL-FOND

5. IQIS li l-analiżi fil-fond jippreżentaw analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni tal-pajjiż f'kull Stat Membri taħt rieżami. JIRRIKONOXXI li l-għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, ġew applikati bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull ekonomija. JIRRIKONOXXI li l-analiżi fil-fond jipprovdu valutazzjoni tas-sitwazzjoni qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi ekonomika sussegwenti. JENFASIZZA li l-evoluzzjoni ta' dawn l-iżbilanċi għandha tiġi mmonitorjata fl-isfond tal-pandemija tal-COVID-19.

6. JAQBEL li 12-il Stat Membru analizzati fl-analiżi fil-fond (il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja) qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi ta' natura u grad ta' severità differenti taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.
7. JAQBEL li jeżistu żbilanċi eċċessivi fi tliet Stati Membri (Ċipru, il-Greċja u l-Italja).
8. JAQBEL li l-Bulgarija mhi tesperjenza l-ebda żbilanċ taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Jeħtieġ li l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi miftiehma reċentement tibqa' tiġi mmonitorjata kontinwament, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Bulgarija biex jissaħħaħ il-qafas tal-insolvenza u l-iżvilupp ta' self improduttiv.
9. JINNOTA li l-analiżi fil-fond tal-2020 jindikaw xi korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri analizzati qabel il-pandemija tal-COVID-19, li bbenefikat mit-tkabbir ekonomiku u l-isforzi mil-lat ta' politika tal-Istati Membri. L-analiżi fil-fond, minkejja żviluppi ekonomiċi favorevoli qabel il-pandemija tal-COVID-19, jenfasizzaw ukoll żbilanċi persistenti f'xi Stati Membri, b'mod partikolari livelli għoljin ta' dejn privat, pubbliku, u estern. Fl-istess ħin, f'xi Stati Membri oħra jippersistu surpluses għoljin fil-kont kurrenti, minkejja li dawn naqsu. JENFASIZZA l-importanza li terġa' tingħata l-ħajja lill-attività ekonomika u jiġu salvagwardjati elementi fundamentali ekonomiċi sodi fit-triq 'il quddiem, li jtejbura r-reżiljenza ta' ekonomija quddiem kriżi bħal dik attwali u jappoġġaw l-irkupru.

10. JENFASIZZA r-rwol tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika, u l-importanza li ta' rieżami regolari tal-iżviluppi, inkluż fil-qafas ta' monitoraġġ speċifiku.
11. ITENNI li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tintuża bil-potenzjal sħiħ tagħha u b'mod trasparenti u konsistenti, filwaqt li tiġi żgurata s-sjieda tal-proċedura mill-Istati Membri, inkluż l-attivazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv fejn xieraq. ISOSTNI li kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi, iżda ma tipproponix il-ftuħ tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv lill-Kunsill, din għandha tagħti spjegazzjoni għar-raġunijiet tagħha b'mod ċar u pubblikament. IFAKKAR li l-Kunsill ser jiddiskuti l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku bħala parti mir-rieżami tal-leġislazzjoni dwar il-governanza ekonomika.